*Irkejjen storiċi*

# Figuri umani

## Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija

*minn Vincent ZAMMIT*



*It-tliet biċċiet li forsi juru l-figura ta' qassis taż-żmien preistoriku*

*Diġà tkellimna dwar xi fdalijiet ta' għadam u rappreżentazzjonijiet ta' annimali li nsibu fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija. Il-lum se nerġgħu nżuru dan il-mużew, iżda l-attenzjoni tagħna se tkun immirata lejn rappreżentazzjonijiet umani. Hemmhekk għandna nsibu ħafna minn dawn l-istatwi u li żgur uħud minnhom huma diġà famużi magħkom. Iżda hemm oħrajn li għandhom dettalji li wieħed jista' jgħid li jagħmilhom aktar milli interessanti.*

### Statwi famużi

Forsi wieħed jista' jibda jitkellem dwar l-akbar statwa li qatt instabet f'Malta preistorika, jew inkella dwar waħda mill-isbaħ statwi li qatt instabu. Jew nibdew nitkellmu dwar il-Mara l-Ħoxna, kif kulħadd jirreferi għall-istatwa li kienet instabet fit-tempji ta' Ħal Tarxien, jew inkella naraw fid-dettal l-istatwa li turi Mara Rieqda, li kienet instabet fis-sotterrani ta' l-Ipoġew.

Hemm diversi statwi oħra li għandhom l-interess tagħhom ukoll. U wieħed għandu jipprova jirrealizza li f'dan il-mużew hemm numru sostanzjali ta' statwi li juru figuri umani — u kollha kemm huma għandhom l-interess partikulari.

### Il-Mara r-Rieqda

Din l-istatwetta nstabet fil-post magħruf bħala l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. L-istatwetta hi maħduma mill-fuħħar, u m'hix kbira. Iżda għalkemm hi żgħira xorta waħda nistgħu naraw ċertu dettalji verament interessanti. Nibdew biex nagħtu ħarsa lejn il-figura tal-mara.

Għalkemm din hi ħoxna, fil-verità wieħed lanqas jista' jgħid li hi sproporzjonata. Turik li hi liebsa dublett, iżda sidirha hu mikxuf. Id-dublett jidher li hu ddekorat ukoll — fejn naraw disinji mpinġija fuq l-istess dublett.

Filwaqt li l-parti t'isfel hemm ukoll il-piegi. Lanqas temmen li dan id-dublett kien jintlibes aktar minn erbat'elef sena ilu. Rasha hi mistrieħa fuq imħadda, u waħda minn idejha qiegħda żżomm l-istess imħadda.

Is-sodda li fuqha hi mistrieħa hi interessanti wkoll. Tidher li kien hemm sodod maħduma, għax għandna dettalji li juru li dawn in-nies kellhom idea ta' xogħol fl-injam. Barra minhekk wieħed jinnota li mhux biss hemm dettalji tat-traversi, iżda l-istess artist li ħadem din l-istatwetta jurina wkoll kif kienet imniżżla, qisha bil-piż ta' din il-mara r-rieqda. Verament biċċa xogħol sabiħa u dettaljata.

### Il-Mara l-Ħoxna

Statwa oħra li diġà semmejna hi l-famuża Mara l-Ħoxna. Din kienet instabet fit-tempji ta' Ħal Tarxien, u hi meqjusa bħala waħda mill-akbar statwi ta' dan it-tip u ta' dan iż-żmien li nstabet fid-dinja kollha. L-istatwa hi tal-ġebel u d-daqs tagħha hu akbar minn normal.

Minħabba li din l-istatwa nstabet fit-tempju, allura hu maħsub li din kienet qiegħda tirrappreżenta lil xi alla mara ta' dawk in-nies. Filwaqt li tkellimna dwar il-Mara r-Rieqda wieħed irid joqgħod kemmxejn attent.

M'hemm xejn x'jindika li din kienet mara. Sfortunatament il-parti ta' fuq ta'



*L-istatwetta li turi l-Mara r-Rieqda*

ġisimha hu nieqes, u għaldaqstant kulma għandha hu l-parti t'isfel, bid-dublett u anki s-saqajn. Xorta waħda nistgħu ngħidu li kull meta naraw statwi ta' dan it-tip, l-ebda wieħed minnhom ma turi dettalji dwar is-sess li jkunu qegħdin jirrappreżentaw. Tajjeb li wieħed jinnota li din il-figura hi murija liebsa dublett u li l-parti t'isfel għandu l-piegi wkoll.

Minħabba li din hi statwa unika, l-awtoritajiet kienu għamlu kopja tagħha fit-tempji ta' Ħal Tarxien, u żammew l-oriġinal fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija.

### Statwi minn Ħaġar Qim

Fit-tempji li jinsabu fil-limiti tal-Qrendi, magħrufa bħala Ħaġar Qim, kienu nstabu numru ta' statwi. Għalkemm m'humiex kbar bħal din lanqas ma huma żgħar bħall-istatwetta tal-Mara r-Rieqda. Dawn l-istatwi huma magħmula mill-ġebel, u fil-biċċa l-kbira wieħed jgħid li dawn huma kollha l-istess. Iżda hemm dettalji żgħar li jagħmlu kull statwa individwali u differenti mill-oħrajn.

Il-biċċa l-kbira tagħhom juru figuri mdaqqsa sew. Kollha jidhru li qegħdin bil-qiegħda u jidhru ħoxnin. Is-saqajn huma wkoll mitfugħa fuq ġenb. Iżda mbagħad wieħed jibda jara li daqqa s-sieq qiegħda fuq naħa, u oħrajn fuq naħa oħra.

Hemm l-idejn li huma miżmuma differenti wkoll. Filwaqt li hemm dawk li huma f'Ħoġor il-figura umana, hemm idejn li qegħdin jistrieħu fuq il-ġenb. Mid-dettalji li jidhru fuq dawn l-istatwi, ma niħdux l-idea li dawn għandhom xi ħwejjeġ, għalkemm ma jidher xejn mis-sess ta' l-istess figuri.

Forsi hawnhekk tajjeb li tissemma statwa partikulari. Magħrufa bħala l-Venere ta' Malta, din l-istatwa hi iżgħar minn dawn li semmejna, u minflok hi magħmula mill-ġebel, inħadmet fil-fuħħar. Il-figura hi murija bil-wieqfa, iżda sfortunatament is-saqajn huma neqsin. Il-figura hi żgur ta' mara, u din hi murija wkoll mingħajr ħwejjeġ. Il-figura hi meqjusa bħala waħda magħmula minn artist, minħabba l-perfezzjoni tagħha.

### Il-qassis ta' Ħal Tarxien

Waqt l-iskavi fit-tempji ta' Ħal Tarxien kienu nstabu biċċiet ta' fuħħar li wara li kien sar l-istudju fuqhom kienu ndunaw li dawn kienu jagħmlu parti minn statwa. Sfortunatament dawn l-istess biċċiet kienu ngħaqdu flimkien u taw l-impressjoni li kienu jiffurmaw statwa ta' raġel.

Fil-verità din l-istatwa kienet iffurmata minn tliet biċċiet. Il-parti t'isfel kienet turi dublett li mill-qadd 'l isfel hu ddekorat bil-piegi. Imbagħad hemm il-biċċa l-oħra li turi spalla u id li tidher li kienet tinżel biex tistrieħ fuq il-qadd tal-figura. It-tielet biċċa hi r-ras.

Jekk wieħed jinnota dettal importanti, għandu jinduna li l-parti tas-sider ma kinitx instabet. Minħabba f'hekk meta kienu twaħħlu dawn il-biċċiet flimkien, u kien ingħata impressjoni li dan hu raġel, ir-restawratur ma kienx qiegħed ikun fidil lejn l-oġġetti li kienu nstabu. Tajjeb li wieħed jinnota wkoll f'aktar dettal ir-ras.

Hu probabbli li din ir-ras qiegħda turi raġel. Għajnejh huma magħluqa, qisu qiegħed jikkuntempla.

Imnieħru u ħalqu huma magħmula b'ċertu rfinezza. Ix-xagħar hu muri fid-dettal ukoll. Mhux biss għandu xagħru pulit, iżda għandu ċertu stil.

Fil-fatt ix-xagħar hu mxebbah mal-parrokki li jintlibsu mill-imħallfin Ingliżi. Dawn id-dettalji juru kemm l-artisti ta' dawk iż-żmien kienu jafu jagħmlu statwi tajbin. Barra minhekk hu maħsub ukoll li kull meta għamlu l-uċuħ, dejjem kienu qegħdin juru persuna partikulari. Jiġifieri dawn kienu qegħdin jagħmlu ritratt ta' dak li jkollhom quddiemhom.

### Irjus ta' nies

Barra l-figuri li semmejna, hemm oħrajn li juru d-dettalji differenti tal-bniedem. Probabbilment hemm uħud minnhom li qegħdin juru wkoll xi mard partikulari. Minħabba f'hekk hu maħsub li dawn kienu saru ħalli jirringrazzjaw 'l-allat li kienu għenuhom waqt il-mard. Iżda apparti l-figuri li hemm murija, hemm ukoll irjus waħedhom, mingħajr ma jappartjenu lill-ebda statwa partikulari.

Fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni kienu nstabu żewġ irjus maħduma fil-ġebel. Dawn qegħdin juru żewġ uċuħ li jagħtuk l-impressjoni li huma ta' xi ħadd żagħżugħ. Qegħdin juru żewġ persuni differenti, li żgur eżistew. Tant ieħor wieħed jista' jgħid għal żewġ irjus oħra li nstabu fit-tempji tal-Ġgantija, Xagħra (Għawdex).

L-użu ta' dawn l-irjus m'huwiex magħruf. Iżda minħabba li ħafna mill-figuri umani, bħal dawk li nstabu f'Ħaġar Qim, għandhom post fejn tidħol ras; u fl-istess ħin filwaqt li dawn l-irjus għandhom bħal għonq, li jurik li kienu biex jidħlu f'xi post.

Allura hu maħsub li dawn l-irjus setgħu kienu jinbidlu skond il-bżonn tal-mument. Wieħed irid japprezza l-fatt li hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar suġġett tal-preistorja, jiġifieri fejn il-kitba ma kinitx magħrufa. Minħabba f'hekk l-informazzjoni li wieħed jagħti dwar dawn l-oġġetti tkun miġjuba minn studji li jieħdu ħafna snin.

Dawn l-istudji ma jsirux blamment, iżda jkunu jridu jiġu studjati mhux biss l-istess oġġetti, iżda anki fejn ikunu nstabu xi oġġetti li jkunu nstabu magħhom, u ħafna dettalji oħra bħal dawn.

Wieħed għalhekk għandu japprezza li jekk xi darba jkun qara xi ħaġa li tgħidlu mod ieħor minn dak li jkun qara hawnhekk, m'għandux għalfejn jeħodha b'sorpriża. Dan minħabba li l-istudju tal-preistorja hu mibni fuq studju kontinwu.

Dawn l-oġġetti li semmejna, flimkien ma' ħafna affarijiet oħra, illum il-ġurnata jinsabu għall-wiri fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija. Wieħed għandu jagħmel mezz u jmur iżur dan il-Mużew għax fuq kollox qiegħed hemm mhux għal barranin biss, iżda anki għalina l-Maltin. Ma ninsewx li dan hu wirt tagħna lkoll.